# IL-KALKARA FI ŻMIEN IL-GWERRA




Mario Fenech

*Imwieled f'Tas-Sliema, attenda l-iskola statali u l-Istitut Tekniku. Għamel żmien fil-Kumitat tal-Banda Sliema, tal-Festi Esterni Sacro Cuor u fil-Filarmonica Nazionale La Valette. Huwa ppreżenta diversi programmi relatati mal-festi fuq stazzjonijiet tar-radju kif ukoll tat-televiżjoni, u jikteb regolarment fuq il-gazzetti dwar l-istess suġġett.*


Minħabba l-fatt li l-lokalità tal-Kalkara tinsab qrib it-tliet ibliet tal-Kottonera, waqt it-Tieni Gwerra Dinjija għaddiet minn mumenti koroh li ħallew il-marka tagħhom kemm fuq il-bini kif ukoll fuq il-popolazzjoni tar-raħal.




Il-Kalkara kellha diversi binjiet tas-servizzi Ingliżi f'postijiet differenti fil-limiti tagħha, għaldaqstant meta beda riesaq id-dlam tal-gwerra fuq il-gżejjer Maltin, il-poplu beda jingħata struzzjonijiet x'għandu jagħmel biex jeħles mil-gwaj li seta jinqala'.

Meta kien qiegħed jitkellem fuq ir-*rediffusion*, l-Avukat Albert Laferla li kien id-Direttur tal-Edukazzjoni ħabbar li hu kien ġie inkarigat mill-Gvern Ingliż biex imexxi l-proġett tal-evakwazzjoni tan-nies.

Filwaqt li qal li ma kienx hemm għalfejn li wieħed joqgħod jallarma lin-nies għal issa, qal iżda li jkun tajjeb li kulħadd ikun ippreparat sew. Huwa qall ukoll li jekk Malta tkun ibbumbardjata mill-ajru mill-ajruplani tal-għadu, l-aktar li jkunu fil-periklu jkunu t-tliet ibliet tal-Kottonera kif ukoll il-Kalkara. Dan għaliex ikunu qegħdin jattakaw it-Tarzna. Tenna li kemm it-tliet ibliet kif ukoll il-Kalkara huma postijiet perikolużi ħafna. Qal ukoll li dawk ta' Bormla għandhom imorru lejn Ħal Qormi, tal-Isla jmorru Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi, tal-Birgu jmorru Ħal Lija, Ħ'Attard u Ħal Balzan filwaqt li dawk tal-Kalkara għandhom imorru lejn postijiet oħrajn għall-kenn. Il-ftit nies li baqgħu jgħixu fil-Kalkara matul ix-xhur tal-gwerra raw b'għajnejhom il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp tiġġarraf bil-bombi, djar mwaqqa' u biża' kbir.

Meta spiċċat il-gwerra u n-nies bdiet tirritorna lura lejn djarha, bdew isiru rapporti tal-ħsara li saret. Fir-ritratt meħud mil-ajru naraw il-Port il-Kbir, l-Isla u l-Birgu fin-nofs tar-ritratt. Premezz ta' dan ir-ritratt nistgħu naraw sew il-ħerba li ħalliet warajha l-gwerra. Ħafna bini mwaqqa' li jidher sew fil-vojt li hemm bejn il-bini ta' l-Isla u l-Birgu nofsu mġarraf. Jidher ukoll bastiment tal-gwerra fid-daħla tal-Kalkara taħt l-isptar Navali Bighi li ukoll messitu l-id qerrieda tal-gwerra.

F'ritratt ieħor naraw id-daħla ta' Kalafrana fejn jidhru numru ta' braken ankrati biswit xulxin. Tidher sew ukoll il-fortizza ta' Ricasoli, struttura imponenti li kienet tħares id-daħla tal-Port il-Kbir bil-kanuni tagħha.

Dan kollu jagħtina x'nifhmu li din il-lokalità tal-Kalkara kellha l-importanza tagħha fid-difiża tal-Port il-Kbir u l-madwar, importanza li wasslet biex fost il-bini li ġġaraf waqt l-attaki tal-għadu kien hemm ukoll il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġużepp tant għażiża għall-poplu tal-Kalkara.

